# APPOĠĠ Supportline 179

Servizz bla ħlas offrut
mill-Aġenzija APPOĠĠ
**24 siegħa kuljum**
**sebat ijiem fil-ġimgħa**



APPOĠĠ
*Għat-Tfal, Familji, u l-Komunità*

## Iċ-ċiklu tal-vjolenza

Huwa diffiċli tagħraf liema fatturi jistgħu jwasslu għal inċident vjolenti. Leonore Walker (1979) studjat eluf ta'nisa u iddeskrivit l-abbuż bħala ċiklu – fl-ewwel fażi t-tensjoni tibda tiżdied bil-mod il-mod u jista' jkun hemm theddid. abbuż verbali. Bil-mod il-mod l-abbuż jidħol fil-fażi akuta li ġeneralment iddum biss ftit sigħat jew ġranet. F'din il-fażi l-vjolenza tkun frekwenti u gravi. Ikun f'dan il-punt li r-raġel ikun akkwista l-kontroll li ried u ħeles mit-tensjoni emozzjonali u fiżika li tkun inbniet fl-ewwel fażi. Wara dan il-punt il-koppja ġeneralment timxi għal fażi hekk imsejjħa ta'qamar il-għasel, fejn ir-raġel jesprimi dispjaċir flimkien ma ġentilezza. Pero jekk l-aggressur ma jitlobx għajnuna, huwa diffiċli ħafna li l-vjolenza tieqaf (studji sahansitra juru li l-vjolenza ħafna drabi tiżdied maż-żmien) u ċ-ċiklu jerġa jibda mill-ġdid.

## X'tip ta' għajnuna tingħata lill-persuni bi Problemi ta' Vjolenza Domestika

Is-Servizz kontra l-Vjolenza Domestika fi ħdan l-Aġenzija APPOĠĠ jgħin lil persuni bi problemi ta' Vjolenza Domestika billi –

- Jingħata sapport lill-persuni li għandhom 'l fuq minn tmintax-il sena u li qed ibatu minħabba l-preżenza ta' abbuż f'relazzjoni intima. Jiġu megħjuna jifhmu s-sitwazzjoni li jkunu fiha filwaqt li ngħinuhom biex jaħdmu fuqha.
- Tingħata għajnuna biex persuna tifhem li m'għandhiex tittollera l-vjolenza u li għandha dritt tgħix ħajja 'l bogħod mill-biża', mit-theddid u mill-vjolenza.
- Tingħata għajnuna lill-persuni biex ifasslu pjan ta' kif jistgħu inaqqsu il-periklu li jkunu qed jgħixu fih.
- Tingħata għajnuna lin-nisa u uliedhom bi problemi ta' vjolenza biex isibu kenn temporanju f'każ ta' bżonn.
- Nirreferu lill-persuni għal servizzi oħrajn li jistgħu jkunu ta' għajnuna għalihom.
- Nagħtu sapport lill-persuni li jkunu telqu minn relazzjoni abbużiva biex jibdew ħajja ġdida.
- Ninkoraġġixxi lill-vittmi ta' vjolenza domestika biex jieħdu kontroll ta' ħajjithom.
- Jitmexxew gruppi għan-nisa li jsofru minħabba problemi ta' vjolenza fid-dar.
- Naħdmu flimkien ma' taqsima oħra li tipprovdi għajnuna għall-irġiel li jixtiequ jaħdmu fuq il-problemi ta' l-imġieba tagħhom.
- Naħdmu biex tinħoloq soċjeta' li ma tittollerax vjolenza.
- Naħdmu ma' Dipartimenti tal-Gvern, qrati, pulizija u aġenziji non-governattivi biex flimkien jaħdmu għal kundizzjonijiet aħjar għal nies bi problemi ta' vjolenza domestika.

## Servizz ta' Kenn - L-Għabex

Fi ħdan is-Servizz kontra l-Vjolenza Domestika jopera servizz ta' kenn t'emerġenza – l-Għabex – għal nisa u uliedhom li huma vittmi ta' vjolenza u abbuż fid-dar. Biex persuna tkun tista' tidħol f'dan il-post ta' kenn irid ikun sar assessment minn social worker f'din l-istess taqsima u huwa importanti li l-persuna ma tkunx tagħmel użu minn droga jew alcohol. Persuna flimkien ma uliedha tista' tagħmel użu minn dan il-kenn għal perjodu ta' tlett xhur. Meta dan il-perjodu jgħaddi u l-persuna tkun għadha ma sabietx post alternattiv fejn toqgħod, tiġi referuta għall-post ieħor li huma ippjanat apposta biex il-persuna tkun tista'ddum ftit iktar fih. Matul dan iż-żmien il-persuna flimkien ma uliedha jinataw l-għajnuna, s-sapport u l-inkoraġġiment kollu li jkollhom bżonn, filwaqt li jiġu megħjuna jagħmlu kuntatt u użu minn dawk is-servizzi li jistgħu ikunu ta'għajnuna.

## *Servizz - Rġiel*

Is-Servizz kontra l-Vjolenza Domestika joffri wkoll għajnuna lill-irġiel bi problema ta abbuż fuq in-nisa biex dawn ibiddlu l-attitudni u mġieba abbużiva lejn is-sieħba tagħhom għal waħda ta' rispett. Torganizza ukoll programm intensiv permezz ta' gruppi fejn tiġi ndirizzata din il-problema. Isiru ukoll support groups biex wara li jlestu il-programm dawn l-irġiel ikunu jistgħu jiltaqgħu ma rġiel oħra fl-istess sitwazzjoni biex ikomplu jsaħħu dak li jkunu tgħallmu.

## Kif tista' tagħmel użu minn dan is-servizz?

Persuna li tagħraf li tinsab f' relazzjoni abbużiva u li tixtieq l-għajnuna tista' iċċempel fuq APPOĠĠ Supportline 179. Il-kunfidenzjalita' tkun irrispettata f'kull ħin u ma jsir l-ebda kuntatt mal-persuna abbużiva.
Nisa u uliedhom li jħossu li għandhom bżonn ta' kenn minħabba l-problemi ta' vjolenza għandhom ukoll jikkuntattjaw lis-Servizz kontra l-Vjolenza Domestika.
Persuni li għandhom problemi ta' abbuż u vjolenza u li jixtiequ jaħdmu fuq l-imġieba tagħhom jiġu rreferuti għal servizz li jipprovdi din it-tip ta' għajnuna




APPOĠĠ

Għal Tfal, Familji, u l-Komunità



*Is-Servizz kontra l-Vjolenza Domestika*

## *X'joffri is-servizz ta' Ħidma Soċjali ma' persuni bi problemi ta' Vjolenza Domestika?*

Is-Servizz kontra l-Vjolenza Domestika twaqqaf f'Awissu 1994. Fit-tmin snin li ilha topera din it-taqsima, aktar minn elfejn każ ta' vjolenza ġew referuti. Il-maġġoranza tagħhom huma nisa vittmi ta' abbuż. Fit-taqsima jaħdmu social workers speċjalizzati li joffru appoġġ lil nisa bi problemi ta' vjolenza domestika. Dawn in-nisa jiġu offruti sapport, inkoraġġament u għajnuna biex fejn ikun il-bżonn dawn isibu post ta' kenn. Skond il-każ jiġu ikkuntatjati servizzi oħra li jistgħu ikunu meħtieġa.

Is-Servizz kontra l-Vjolenza Domestika jemmen li l-imġieba abbużiva hija mija fil-mija r-responsabbilta' ta' min jikkommettiha. It-Taqsima Vjolenza Domestika tippromwovi soċjeta' li ma tittollerax vjolenza.

## *X'inhi il-Vjolenza Domestika?*

Ġeneralment, persuna abbużiva tuża l-vjolenza bħala mezz ta' kontrol fuq persuna oħra. Matul ħajtu persuna abbużiva jitgħallem ikun abbużiv fir-relazzjonijiet intimi tiegħu biex finalment jottjeni dak li jkun irid. Ir-relazzjoni tista' tkun bejn miżżewġin, għarajjes, separati, omosesswali u persuni li jikkoabitaw.

Ta' min wieħed jagħmel distinzjoni bejn argumenti domestiċi u vjolenza domestika. Wieħed jista' jassumi li argumenti jeżistu fil-biċċa l-kbira tar-relazzjonijiet. Pero f'dawn l-argumenti ħadd mill-koppja ma jkollu iktar poter jew kontroll mis-sieħeb jew sieħba u allura ħadd ma jsir vittma jew aggressur. Il-vjolenza domestika teżisti f'relazzjonijiet fejn il-kunflitt huwa r-riżultat ta' żbilanċ fil-poter, fejn xi ħadd mill-koppja (ġeneralment ir-raġel) ikollu iktar poter u s-sieħba l-oħra tkun imbeżżgħa.

Vjolenza Domestika tista' tinkludi abbuż fiżiku, sesswali, emozzjonali kif ukoll dipendenza finanzarja.

## *Abbuż Fiżiku*

Barra swat, abbuż fiżiku jinkludi wkoll aġir bħal per eżempju, li wieħed isakkar il-partner barra mid-dar jew jabbandunaha f'xi post iżolat, twaddib ta'oġġetti u theddid jew użu ta' armi.

## *Abbuż Emozzjonali*

Abbuż emozzjonali jikkonsisti, per eżempju, f'tgħajjir, tmaqdir, li wieħed jinjora lil persuna l-oħra, umiljazzjoni fil-pubbliku, theddid, u iżolazzjoni minn familja u ħbieb.

## *Abbuż Finanzjarju*

Ikun hemm abbuż finanzjarju meta persuna ma tatix flus lis-sieħba jew ma' jippermettux li din tmur għax-xogħol. Jista jkun ukoll li persuna abbużiva juża l-flus għal-pjaċiri personali jew jagħmel dejn b'detriment għal-familja.

## *Abbuż Sesswali*

Meta jkun hemm abbuż sesswali, l-vittma tiġi użata bħala oġġett sesswali u sfurzata tagħmel atti sesswali kontra r-rieda tagħha. Abbuż sesswali jista'jseħħ anki f'relazzjoni intima (koppja miżżewġa jew jgħixu flimkien)

## *Effetti tal-Vjolenza Domestika Fuq il-Persuna li Qed Tiġi Abbużata*

Il-persuni abbużati jwaħħlu fihom infushom għal-vjolenza li tkun qed tiġri. Dan jiġri minħabba li dak li jabbuża jitrasferixxi it-toqol tal-ħtija fuq il-mara.

Bil-mod il-mod il-persuna abbużata tibda temmen il-messaġġi minn żewġha li, fost oħrajn, hi kerha, mhux kapaċi trabbi t-tfal, li mhux tajba fis-sodda. Dawn il-messaġġi iċċekknu lil vittma li eventwalment ma tibqax temmen fiha innifisha. Meta l-persuna abbużata tibda taċċetta dawn il-messaġġi tibda titlef l-identita tagħha innifisha. Il-mara abbużata tibda taqta qalbha li tista tibdel is-sitwazzjoni'u għalhekk ma tgħinx ruħha. Tista tibda tesperjenza apatija u nuqqas ta' motivazzjoni. L-esperjenza ta' l-abbuż tgħallimha li fi kwalunkwe ħin u għal kwalunkwe raġuni tista' terġa tiġi attakkata u għalhekk tibda tgħix f'biża kontinwu.

Il-persuna abbużata tħoss li għandha titlaq mid-dar u fl-istess ħin tħossha responsabbli għat-tfal u għal dak li jista' jiġri wara. Din is-sitwazzjoni iżżidilha r-rabja li kultant tiġi diretta saħansitra lejha innifisha.

Il persuna abbużata tgħix ħajja mimlija stress u tensjoni u dan iwassal biex xi drabi tispiċċa f'depressjoni minħabba l-abbuż. Nuqqas ta' aptit u nuqqas ta' rqad huma konsegwenzi ta'dan l-istress. Il-persuna tista' tibda wkoll issofri minn flashbacks.

## *Effetti tal-Vjolenza Domestika fuq it-Tfal*

Il-vjolenza domestika għandha effetti koroh mhux biss fuq il-vittma iżda anki fuq it-tfal li jkunu qed jgħixu fl-istess familja. Fil-fatt, tfal li jikbru f'ambjent fejn teżisti vjolenza domestika huma mija fil-mija emozzjonalment abbużati – anki meta l-vjolenza ma tkunx diretta lejhom! It-tfal iħossuhom responsabbli għal-omm meta jarawha issofri, minkejja li din ir-responsabilita' mhux suppost iħossuha f' eta żgħira. Jibdew jibżgħu li ommhom issofri xi ġrieħi u din il-biża' tpoġġihom fi trauma psikoloġika. Barra minn hekk hemm ir-riskju li anki huma stess iweġġgħu u f'ċerti każijiet, meta l-missier jara lit-tfal qed jipproteġu lill-omm, iħossu imwarrab u jista'jibda jgħir għalihom.

It-tfal li jgħixu f'ambjent fejn hemm vjolenza domestika jiġu mċaħħda mid-dritt li jgħixu f'ambjent bla biża'. Din is-sitwazzjoni tħalli diversi effetti psikoloġiċi fuq it-tfal li jinkludu

- Biża minn nies barranin u sitwazzjonijiet ġodda. Ma jemmnux fihom infushom.
- Ma jafdaw lil ħadd.
- Isofru minn ħafna tensjoni.
- Effett ta'din it-tensjoni jistgħu jibdew sejrin lura fl-iskola u jinqatgħu mil-ħbieb.
- Ikollhom nuqqas ta'fiduċja fihom infushom u jitilfu l-kuraġġ fl-affarijiet li jagħmlu.
- Jistgħu isofru ukoll minn numru ta' sintomi psikosomatiċi bħal uġiegħ ta'ras, diarrhea, inkontinenza, emigranja, palpitazzjonijiet u għejja.

Meta t-tfal jiġu esposti għall-vjolenza domestika, il-vjolenza ssir mezz għalihom ta'kif jaffaċċjaw il-problemi u mezz ta'kif iżommu kontroll fuq familjari tagħhom jew nies oħra. Ħafna drabi, hemm iktar ċans li subien li jiġu esposti għal-vjolenza domestika isiru huma stess jabbużaw mis-sieħba tagħhom meta jikbru u hemm iktar ċans li l-bniet jidħlu huma stess f'relazzjoni abbużiva meta jikbru.

## *Il-Vjolenza Domestika tista' tolqot lil kulħadd.*

Il-persuna abbużiva tkun tgħallmet tiegħu dak li trid billi tuża poter u kontroll fuq persuna oħra. Il-problema ta' vjolenza domestika tista' tmiss kull tip ta' klassi fis-soċjeta' u kull tip ta' familja. Il-vjolenza domestika ma tagħmilx distinzjoni bejn eta', sess, razza, nazzjonalita', tip ta' xogħol, livell ta'edukazzjoni, professjoni jew income li jista' jkollu jew ikollha kemm il-vittma kif ukoll l-aggressur.

